**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Alexandra sive Sandra Scerri**

Kaz Numru: 726/2013

Illum 7 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Alexandra sive Sandra Scerri ta' 48 sena, bint Dominic Scerri u Theresa xebba Borg, mwielda gewwa tas-Sliema, nhar it-30 ta' Jannar, 1965 u residenti gewwa Flat 2, Binja L, Ent. B Qasam tal-Bini tal-Gvern, Zabbar u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 113665(M):

1. Talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Marzu, 2012 ikkommettiet serq ta' cheque tal-Bank Centrali ta' Malta mahrug fuq kont bankarju numru 00040021014 ghad-detriment ta' Klesta Tusku u/jew ta' persuna/I ohra u/jew il-Bank Centrali ta' Malta u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Marzu, 2012, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Mlata jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, idahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u cioe' cheque misruq;

3. Talli gewwa tal-Pieta', matul ix-xahar ta' Marzu, 2012 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet

haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew abiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' disa' mija u tlieta u tletin Ewro (€933) ghad-detriment ta' Mary Rose Urry u/jew Klesta Tusku u/jew il-Bank Centrali ta' Malta;

4. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

5. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess diposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamlet uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza,

6. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn document iffalsifikat

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputata rregistrat ammissjoni  u wara li l-Qorti tatha zmien biex tirrikunsidra l-posizzjoni taghha kkonfermat l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali taghha li hija wahda netta.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 284, 285, 308, 309, 310(1)(b), 169, 184, 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk twettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat